# Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili

# Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.

Seduta ta' nhar it-Tnejn 15 ta' Ottubru 2001

Citazzjoni numru 525/00 AJM

Kawza numru

Avukat Dottor Kevin F. Dingli u Avukat Dottor Suzanne Shaw, bhala mandatarji specjali ta' l-assenti Ammar Shammout

Vs

Lombard Bank Malta plc

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fl-20 ta' Marzu 2000 li permezz taghha l-atturi nomine wara li ppremettew illi fl-4 ta' Marzu 1998, jew f'data ohra verjuri, l-attur Ammar Shammout, flimkine ma' Naser Elfitouri Elghawi, kien fetah joint Savings Account numru 5027134998 fil-valuta ta' dollari amerikani mas-socjeta' konvenuta fil-fergha taghha ta' Graham Street, Sliema, denominat tali kont bhala Mr Naser Elfitouri Elghawi & Mr Ammar A F Shammout T/A Yamama – Aramex; illi l-attur Ammar Shammout u l-imsemmi Naser Elfitouri Elghawi, bhala l-partijiet fil fuq

imsemmi kont, kienu anke l-unici firmatarji fir-rigward ta' l-istess kont; illi ai termini tal-istruzzjonijiet ossia mandat illi kien inghata mill-partijiet fil-fuq imsemmi kont lill-bank konvenut, l-istess bank konvenut accettanti, ghalkemm setghu jigu zbankati flus mill-istess kont unilateralment da parti ta' kull wiehed mill-firmatarji fl-istess kont, dan pero' seta' jsir biss sa limitu massimu ta' hamest elef dollari amerikani (US$5,000) kull tlett xhur u fir-rigward ta' kull firmatarju; illi fil-perjodu ta' bejn l-1 ta' Gunju 1999 u t-13 ta' Awissu 1999 inklussivament, il-bank konvenut awtorizza u ppermetta lil Naser Elfitouri Elghawi sabiex unilaterlament jirtira l-ammont komplessiv ta' sitta u tmenin elf hames mija hamsa u erbghin dollari amerikani u seba' u erbghin centezimi (US$86,545.47) – kif jigi pruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza; illi dan l-irtirar tal-ammont fuq imsemmi kien sar permezz ta' hames (5) zbanki illi gew effettwati fl-1 ta' Gunju 1999 fl-ammont ta' US$4,364.11; fil-15 ta' Gunju 1999 fl-ammont ta' US$5050.00; fit-23 ta' Gunju 1999 fl-ammont ta' US$59,038.10, fl-1 ta' Lulju 1999 fl-ammont ta' US$16,176.89 u fit-13 ta' Awissu 1999 fl-ammont ta' US$1,916.37; illi tali awtroizzazzjoni illi da parti tal-bank konvenut li bis-sahha taghha ippermettiet lil Naser Elfitouri Elghawi sabiex jizbanka l-ammonti kollha fuq indikati' inghatat abusivament, bi ksur tal-fuq imsemmi mandat illi kien jirregola l-kont bankarju in kwistjoni u f'kull kaz minghajr ebda gustifikazzjoni skond il-ligi, u bi pregudizzju ghad-drittijiet ta' l-attur; illi nonostante illi s-socjeta' konvenuta kienet giet interpellata diversi drabi mill-atturi nomine, anke ufficjalment, sabiex tirrestitwixxi s-somma komplessiva fuq indikata ta' US$86,545.47, flimkien mal-imghaxijiet kollha relattivi, fil-kont fuq indikat, hija mhux talli baqghet ghal kollox inadempjenti izda talli sahansitra rrifjutat milli tikkonsenjalhom kopja tal-mandat fir-rigward ta' l-istess kont tal-attur ghalkemm espressament mitluba sabiex taghmel dan; talbu li din il-Qorti:-

1. li jigi dikjarat u deciz illi l-awtorizzazzjoni da parti tas-socjeta' konvenuta u li bis-sahha taghha Naser Elfitouri Elghawi gie permess sabiex jizbanka mill-Joint United States Savings Account numru 5027134998 miftuh mal-istess socjeta' konvenuta fl-ismijiet "Mr Naser Elfitouri Elghawi & Mr Ammar A.F. Shammout T/A Yamama – Aramex", fil-perjodu ta' bejn l-1 ta' Gunju 1999 u t-13 ta' Awissu 1999 inklussivament, l-ammont komplessiv ta' sitta u tmenin elf hames mija hamsa u erbghin dollari amerikani u seba' u erbghin centezimu (US$86,545.47) inghatat abusivament u illegalment, bi ksur tal-mandat illi kien jirregola l-kont bankarju in kwsitjoni u f'kull kaz minghajr ebda gustifikazzjoni skond il-ligi, u bi pregudizzju ghad-drittijiet tal-attur, u konsegwentement
2. s-socjeta' konvenuta tigi kkundannat minn din il-Qorti sabiex fi zmien qasir u perentorju illi jigi lilha prefiss minn din l-istess Qorti, terga tirrestitwixxi fil-Joint United States Dollars Savings Account number 5027134998 fl-ismijiet "Mr Naser Elfitouri Elghawi & Mr Ammar A.F. Shammout T/A Yamama – Aramex" is-somma komplessiva ta' US$86,545.47, flimkien mal-imghaxijiet legali kollha mid-data tal-izbanki relattivi sar-restituzzjoni effettiva.

Bl-ispejjes, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-10 ta' Jannar 2000 kontra l-istess socjeta' konvenuta illi minn issa stess ir-rappresentanti legali taghha huma ngunti sabiex jidhru ghas-subizzjoni, u b'riserva ghal kwalsiasi azzjoni legali ohra kompetenti lill-atturi nomine kontra s-socjeta' konvenuta esi et quatenus.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xiehda u d-dokumenti ezebiti mill-atturi nomine.

Rat in-nota tal-Bank konvenut presentata fl-14 ta' April 2000 li permezz taghha eccepixxa:-

1. Illi preliminarjament il-Bank konvenut jitlob il-kjamata fil-kawza ta' Naser Elfitouri Elghawi li jissemma fl-att tac-citazzjoni.
2. Bla pregudizzju l-ewwel talba attrici hi infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha konsegwentement tigi michuda bl-ispejjes kontra l-atturi nomine.
3. Inoltre il-Bank konvenut ma jistax jigi kkundannat minn din l-Qorti ai termini tat-tieni domanda attrici stante li l-flus in kwistjoni illum m'ghadhomx fil-pussess tal-bank konvenut.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xiehda tal-konvenut.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tal-4 ta' Mejju 2000 ta' din il-Qorti diversament preseduta meta l-kawza giet mibghuta quddiem din il-Qorti ghas-seduta tat-13 ta' Ottubru 2000 sabiex tigi trattata u deciza.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-kontendenti dwar t-talba tas-socjeta' konvenuta ghall-kjamat in kawza mitluba. Rat ukoll il-verbal ta' 26 ta' Jannar 2001 meta l-kawza baqghet differita ghas-sentenza fuq dan l-incident.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:

Il-kwistjoni li tinsab presentement quddiem din il-Qorti hija limitata ghall-konsiderazzjoni tat-talba maghmula mis-socjeta' konvenuta sabiex tissejjah fil-kawza l-persuna l-ohra li kienet firmatarja fuq l-kont miftuh

mal-bank konvenut u cioe Naser Elfitouri Elghawi. Din it-talba qed issir fuq il-premessa li din il-persuna li tissemma mill-atturi nomine ghandha interess fl-ezitu ta' dawn il-proceduri u konsegwentement l-gudizzju mhux integru u inoltre jkun fl-interess tal-ekonomija tal-gudizzju li dan jissejjah fil-kawza.

Din t-talba qed tigi opposta mill-atturi nkwantu qed jigi sottomess li l-presenza ta' Elghawi f'dawn il-proceduri mhijiex mehtiega billi dan ma jista' jzid xejn mal-mertu tal-kawza kif proposta u inoltre r-relazzjonijiet legali bejn l-atturi odjerni u l-Bank konvenut u dawk bejn l-istess Bank f'kaz ta' ezitu sfovrevoli ghalih u l-istess Elghawi, huma kompletament bazati fuq premessi u principji legali differenti.

Din il-Qorti wara li hadet konjizzjoni tas-sottomissjonijiet tal-abbli difensuri tal-kontendenti kif ukoll ezaminat l-atti tal-kawza hija tal-fehma li din it-talba ma ghandhiex tigi milqugha.

L-istitut tal-kjamat in kawza huwa intiz sabiex, fejn hu possibbli, l-gudizzju jkun integru u cioe dawk l-partijiet kollha – fl-ambitu tat-talba attrici – jkunu presenti fil-proceduri. Issa fil-kaz in ezami qed jigi allegat mill-atturi nomine li l-Bank konvenut naqas mill-obbligi kuntrattwali tieghu fil-konfront ta' wiehed mill-"joint account holders" u cioe Ammar Shammout (il-mandatarju taghom) billi kiser jew naqas li josserva il-"withdrawal instructions" li kien inghat meta originarjament infetah l-account. Il-persuna li b'xi'mod jew iehor iggwadanjat minn dan in-nuqqas - bil-partecipazzjoni tal-bank jew bi zvista – kien l-istess Elghawi. Ghalhekk dan l-istess Elghawi ma jista' jikkontribwixxi xejn lejn id-dibattitu u anzi jkun fl-interess tieghu li jfixkel l-andament normali tal-kawza. Jekk pero' finalment jirrizulta li l-Bank konvenut verament

naqas mill-obbligi tieghu u jkun obbligat li jirrestitwixxi l-ammonti indebitament imhallsa lil Elghawi, d-dritt ta' rivalsa tal-istess bank konvenut kontra l-istess Elghawi bl-ebda mod ma hu relatat mal-inadempjenza kuntrattwali tal-istess Bank.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti tichad t-talba ghall-kjamata in kawza ta' Naser Elfitouri Elghawi.

Spejjes ta' dan l-incident ghall-konvenut.

Onor Imhallef Albert J. Magri